# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' Jannar, 2002

## Citazzjoni numru : 51/2001G1(PC)

**Joseph Debono .**

**VS**

**Steel Structures Company Limited .**

**Il-Qorti ;**
**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' elfejn u mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm2,154) rapprezentanti bilanc ghall-hlas ta' xoghol bil-crane, servizz ta' trasport u servizzi ohra pprovdut lis-socjeta' konvenuta (Dok. A) .**

**Illi s-socjeta' konvenuta f'diversi okkazjonijiet ippromettiet li ser thallas dawn l-ammonti izda baqghet inadempjenti .**

**Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u l-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet xi tqanqal ghat-talbiet li qed isirulha u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .**

**Talab lill-istess konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1. **Taqta' u tiddeciedi din il-kawza ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili .**

2. **Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn mija u erbgha u hamsin lira Maltija (Lm2154) dovuti kif fuq spjegat .**
3. **Tikkundannaha thallas dan l-ammont flimkien ma' l-imghax dekorribbli mit-28 ta' Mejju, 1998 id-data ta' l-ahhar provvista sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorji datati 15 ta' Gunju, 1999 u 23 ta' Frar 2001 u l-ittri ufficjali spediti f'Lulju 1999 u f'Marzu 2001 .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' dokument A, li huwa statement tal-hlas dovut, u dokument B, affidavit mahluf ghal finijiet ta' l-artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, mill-istess attur .**

**Rat ir-riferta pozittiva tas-socjeta' konvenuta illi ggib id-data tal-11 ta' Gunju, tas-sena elfejn u wiehed (2001) .**

**Rat id-degriet taghha tat-3 ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed, fejn il-Qorti kkoncediet lis-socjeta' konvenuta tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet taghha fi zmien koncess mil-ligi, u dana wara li semghet lir-rapprezentant ta' l-istess kumpanija jixhed, u dehrilha li kien hemm ragunijiet ghaliex l-istess socjeta' setghet tikkontesta din il-kawza .**

**Innutat ma' dan kollu, illi sal-gurnata tal-lum l-istess socjeta' konvenuta naqset illi tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha, u ghalhekk illum hija kontumaci .**

**Innutat ukoll illi hadd in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' konvenuta ma deher ghall-udjenza tal-lum .**

**Il-Qorti ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, u ma ngiebu ebda provi sabiex jikkontestaw l-istess talbiet, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici fil-konfront ta' l-attur, fis-somma ta' elfejn mija u erbgha u hamsin lira maltija (Lm2154) dovuti kif spjegat fl-istess citazzjoni; konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont flimkien ma' l-imghax dekorribbli mit-28 ta' Mejju, 1998, cioe' d-data ta' l-ahhar provvista, sad-data tal-pagament effettiv .**

**Bl-ispejjez ikunu a karigu ta' l-istess socjeta' konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S5101G1(Pc)
529